MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2013

Numru. 1236/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**

**VS**

**MANWEL CUTAJAR**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Manwel Cutajar detentur tal-Karta tal-Identita` numru 359147 (M).

**Akkuzat talli:**

1. Fil-15 ta` April, 2008, ghal habta tat-tmienja nieqes kwart ta` filghodu (07:40am) fil-Gudja fil-kapacita` tieghu ta` persuna li jhaddem, b'nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta` hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta` tharis ta` regolamenti wegga gravi Salvu Aquilina u dan ai termini tal-Artikolu 225 u l-Artikolu 226 (1) (b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Fl-istess zminijiet , lok u cirkostanzi naqas milli jhares is-sahha u s-sigurta` tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini tal-Artikoli 6 (1) (2) tal-Att 27/2000 tal-Kapitolu 424;

3. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li jhaddem naqas li jizgura s-sahha u s-Sigurta` tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol u jaghmel arrangamenti xierqa ghall-ipjannar effettiv, organizazzjoni, kontroll, monituragg u rivista tal-mizuri preventive u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriza u naqas ukoll li jiehu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan ghandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u tahrig kif mehtieg u dan ai termini tal-Artikoli 4 (1) u (2) tal-A.L. 36/03;

4. Fl-istess zminijet, lok u cirkostanzi bhala persuna li thaddem naqas illi wara li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet tal-impriza jiddentifika l-perikli fuq il-post tax-xoghol u jevita riskji ghas-sahha u s-sigurta`, jevalwa dawn ir-riskji li ma jistghux jigu evitati u jikkontrollahom mill-bidu u jadatta x-xoghol ghall-individwu u dan ai termini tal-Artikoli 5 (1) (i) (ii) tal-A.L. 36/03;

5. Fl-istess zminijet, lok u cirkostanzi naqas li jikkoordina arrangamenti sabiex jivverifika li l-proceduri tax-xoghol ikunu qedghin jigu implimentati b'mod korrett u dan ai termini tal-Artikoli 5 (e) tal-A.L. 281/2004 kif ukoll ai termini tal-Artikoli kontemplati f'Part B tar-regolament 281/04, Schedule IV.

Rat u ezaminat id-dokumenti kollha esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli 225, 226 (1) (b) tal-Kapitolu 9, l-Artikoli 6 (1) (2) tal-Att 27/2000 tal-kapitolu 424, l-Artikoli 4 (1) (2), 5 (1) (i) (ii) tal-A.L. 36/03 u l-Artikolu 5 (e) tal-A.L. 281/2004 u Part B tar-regolamenti 281/04 Schedule IV.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan l-incident jikkonferma l-waqa` ta` Salvatore Aquilina minn gholi konsiderevoli minn fuq tavlun armat appositament fuq faccata ta` Block Flats proprjeta` tal-akkuzat sabiex jonvja din il-faccata li kienet ser tibqa` fuq il-fil.

Illi kien l-imputat Manwel Cutajar illi qabbad lil Aquilina sabiex jaghmel dan ix-xoghol bil-prezz ta` ghoxrin lira maltin (LM20) kuljum u kien l-istess imputat illi pprovda l-attrezzi u cioe` it-tavlun u l-hbula necessarji sabiex jintrabat dan it-tavlun. Jirrizulta wkoll li l-imputat ma provdewx lil Aquilina b’safety harness li huwa inkjest bhala salvagwardja rikjesti mill-Health and Safety Regulations.

Illi fil-15 ta` April 2008, waqt li Salvatore Aquilina kien ghadu kemm beda x-xoghol ta` invjar fuq it-tavlun, il-habel

li bih kien marbut it-tavlun tqaccat bil-konsegwenza li t-tavlun gheleb u Aquilina waqa l-art distanza konsiderevoli. B’rizultat illi huwa soffra feriti ta` natura gravi u permanenti skond kif iccertifika it-tabib Dr. Mario Xerri fir-relazzjoni tieghu li ggib id-data tal-4 ta Dicembru, 2008.

Illi, fl-ewwel nett, sabiex tigi stabilita` ir-responsabilita` kriminali tal-imputat odjern ghandha tigi stabilita r-relazzjoni li kienet tezisti bejn Manwel Cutajar u Salvatore Aquilina, Sec.6 (1) tal-Att 27 tas-sena 200 tiddefenixxi l-employer bhala

“A person for whom a work or service is performed by a worker or has an employment relationship with a worker and includes a contractor or sub-contractor who performs works, supplies, services, etc”.

Illi l-imputat kien ammetta li kien qabbad lil Salvatore Aquilina sabiex jaghmel xoghol ta` invjar fuq faccata ta` flats proprjeta` teghu stess u dan bil-prezz ta` ghoxrin Lira Maltin (LM20) kuljum. Dan jikkrea relazzjoni specjali ta` Manwel Cutajar bhala ‘Employer’ u Salvatore Aquilina bhala ‘impjegat’ anke jekk ir-relazzjoni bejn Aquilina u Cutajar kienet wahda personali u ta` hbiberija li tmur lura diversi snin. Illi filfatt din ma kienetx l-ewwel darba li dawn it-tnejn kienu hadmu flimkien.

Illi gia la darba li din ir-relazzjoni bejn l-imputat u Aquilina hija stabilita bhala wahda ta` bejn employer u impjegat u ghall-fini tal-Ligi m’ghandux ikun hemm in-necessita` ta` ktieb tax-xoghol, taxxa, bolla, dan jippiza fuq l-employer fl-obbligu ta` ippjanar effettivi, kontrolli, monituragg u l-obbligu ta` nvista ta` mizuri preventivi u protettivi kif ukoll jiehu dawk il-mizuri necessarji ghas-salvatezza tas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol. Illi, ukoll, b’dan l-argument huwa biss l-employer illi ghandu jiddetta l-ahjar mod u l-iktar mod ‘safe’ u sigur li bih ghandu jsir ix-xoghol. Huwa ma jistax jaccetta li jsir ix-xoghol kif jissugerixxi l-employer jekk din is-sistema m’hix wahda ‘safe’ ghall-

ahhar u ghandu jiddetta l-metodi ta` xoghol l-iktar sikuri fl-interessi tal-istess haddiem.

Illi r-rapport redatt mill-Perit Arkitett Richard Aquilina jispjega lilu nnifsu. Il-konkluzjonijiet li ghalihom wasal il-Perit Aquilina huma dawn:

“Salvatore kien waqa` minn fuq it-tieni sular tat-triq gholi ta` 10.10m. Dan kien ghadu beda jahdem fuq il-pont li kellu ras mistrieha fuq il-hajt u r-ras l-ohra kienet imdendla bic-cima (habel ohxon ta` 2.5cm). Kien hemm zewg hbula rqaq li jintuzaw bhala wens, cioe` biex wiehed izomm maghhom.”

L-incident kien gara ghax il-habel l-ohxon kellu parti zghira mgherrija u dak inqata` minn dak il-post. Dik il-parti setghet tgherriet biz-zmien li l-habel kien merfugh u mdendel billi dik il-parti zghira kienet f’kuntatt ma` xi umdita`. Gie wkoll osservat u rrizulta ukoll mix-xhieda ta` Salvatore Aquilina li dan ma kellux ‘safety harnes’.

Illi, ghalhekk, din il-Qorti taghmel dawn il-konstatazzjonijiet:

i. Kienet tezisti relazzjoni ta` ‘Employer’ u impjegat bejn l-imputat u bejn Salvatore Aquilina;

ii. Illi, ghalhekk, l-imputat kellu l-obbligazzjoni sabiex jipprovdi ghas-sigurta` tal-impjegat tieghu meta dan kien sejjer jezegwixxi x-xoghol lilu mqabbad mill-employer tieghu. Huwa l-employer illi jrid jipprovdi ghall-mezzi ta` sigurta` tal-imputat u, ghalhekk, responsabbli ghall-istat tal-attrezzi li bihom l-impjegat sejjer jezegwixxi x-xoghol li ghalih gie mqabbad;

iii. Illi jirrizulta li kien l-imputat illi provda lill-impjegat il-hbula u t-tavlun li bihom huwa kellu jezegwixxi x-xoghol maqbud biex jaghmel mill-imputat. Illi f’dan il-fatt, jirrizulta l-ewwel responsabbilita` tal-imputat fis-sens illi fiz-zminijiet

tal-llum jezistu hafna attrezzji bhala ‘scaffoldings’ jew ‘high ups’ illi huma iktar propijzji u siguri mis-sistema ta` tavlun u hbula uzati fi zminijiet iktar remoti, anke jekk, kif kien f’dan il-kaz, din is-sistema, fiha nnifisha, giet issugerita` mill-istess Salvatore Aquilina;

iv. Illi l-Perit Aquilina rrileva li l-habel li kien gie utilizzat biex jorbot naha wahda tat-tavlun u li kien gie provdut mill-imputat li kien xtrah mill-idejn minghand wiehed Taljan, kien mgherri u kien, precizament, minn dan il-punt dghajjef tal-habel illi dan tqaccat u nkiser bil-konsegwenza illi t-tavlun ma setghax ikun iktar issupportat minn dan il-habel u ghalhekk, ceda. Aquilina, li kien qieghed fuqu, waqa`.

Zewg konstatazzjonijiet sussidjarji ghandhom isiru minn din il-Qorti:

Il-fatt illi dan il-habel kien inxtara mill-idejn li jgib maghha d-dubbji ta` f’liema kundizzjonijiet kien jinzamm dan il-habel fil-passat u dwar il-kwalita` ta` dan il-habel li, minhabba, kif kien inxtara, wiehed ma jistax jiddetermina s-sahha tieghu fil-mument tal-incident. Illi, inoltre jirrizulta carament mill-konkluzzjonijiet maghmula mill-Perit Aquilina illi dan il-habel kien mherri minhabba illi fil-passat kien qed jigi mizmum f’post ta` umdita`. Huwa, precizament, minn dan il-punt mherri li l-habel inqasam u t-tavlun ceda. Interessanti wkoll il-fatt illi t-tavlun, fil-mument tal-incident, inqasam fi tnejn, jew minhabba il-fatt illi ceda l-habel jew ghaliex it-tavlun ukoll kien mherri.

Illi jirrizulta wkoll sodisfacentement illi dan il-habel kien gie milqut minn mutur li kompla dghajjef is-sahha ta` dan il-habel.

Illi jirrizulta wkoll sodisfacentement illi l-imputat ma pprovdiex lill-impjegat tieghu ‘safety harness’ bhala sistema sussidjarja ta` prekawzjoni. Veru illi fuq il-post instabet dak li jghidlulu ‘twensija’ li hija sistema antika ta` hbula illi, fil-passat, kienet tigi uzata mill-antiki bhala prekawzjoni kontra l-waqat. Izda, fiz-zmien ta` ‘scaffolding’

jew ‘high ups’, din m’hiex sistema prekawzjonarja sodisfacenti.

Illi dan ir-ragonament kollu juri n-nuqqasijiet tal-imputat sabiex jipprovdi ghas-sigurta` tal-impjegat tieghu f’dan l-incident u, minhabba dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti m’ghandiex triq ohra hlief li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Dwar piena, din il-Qorti, wara li hadet in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz kif ukoll il-fatt illi Salvatore Aquilina jinstab b’dizabilita` permanenti bhala konsegwenza ta` dan in-nuqqas tal-imputat, temmen illi ghandha tghati messagg dwar is-serjeta` tal-incidenti li jsiru fuq il-lant tax-xoghol u dan wara wiehed jara illi incidenti bhal dawn huma okkorrenza ta` sikwit.

Din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena (1) prigunerija sospizi ghal sentejn (2) ai terminu tal-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------